

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1266/2011

tas-6 ta' Diċembru 2011

li jqassam, għas-sena tas-suq 2011/2012, 5 000 tunnellata ta' fibra qasira tal-kittien u fibra tal-qanneb bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti bejn id-Danimarka, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja u l-Lussemburgu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u l-qanneb ikkoltivati għall-fibra<sup>(2)</sup> jstipula li l-5 000 tunnellata ta' fibra qasira tal-kittien u fibra tal-qanneb biex titqassam bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti, kif stipulat fl-Artikolu 94(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għas-sena tas-suq 2011/2012, għandha tkun allokata qabel is-16 ta' Novembru tas-sena tas-suq li tkun għaddejja.
- (2) Għal dak il-għan, l-Italja bagħtet lill-Kummissjoni informazzjoni relatata mal-erjas koperti b'kuntratti ta' bejgħ/xiri, impenji ta' proċessar u kuntratti ta' proċessar, u stima tar-rendiment tat-tiben u l-fibra tal-kittien u l-qanneb.
- (3) Bil-maqlub, l-ebda fibra tal-kittien jew il-qanneb mhi se tiġi prodotta għas-sena tas-suq 2011/2012 fid-Danimarka, il-Greċja, l-Irlanda jew il-Lussemburgu.

(4) Abbażi ta' stimi tal-produzzjoni li jirriżultaw mit-tagħrif ipprovdut, il-produzzjoni totali fil-ħames Stati Membri kkonċernati mhix se tilħaq il-kwantità totali ta' 5 000 tunnellata allokati lilhom, u l-kwantitajiet nazzjonali garantiti li jidhru hawn taħt għandhom jiġu stabbiliti.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Għas-sena tas-suq 2011/2012, it-tqassim fi kwantitajiet nazzjonali garantiti stipulat fl-Artikolu 94(1a) flimkien mal-Anness XI A.II.(b) għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jkun kif ġej:

- Id-Danimarka L-ebda tunnellata (0);
- Il-Greċja L-ebda tunnellata (0);
- L-Irlanda L-ebda tunnellata (0);
- L-Italja 15-il tunnellata;
- Il-Lussemburgu L-ebda tunnellata (0).

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament għandu jibda japplika mis-16 ta' Novembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

(<sup>1</sup>) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU L 149, 7.6.2008, p. 38.